Qorti tal-Magistrati (Malta)
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.

Il-Pulizija
[Spettur Doriette Cuschieri]

vs

Kevin Vincent Zammit

Kumpilazzjoni Numru: 818/15

Illum, 8 ta' Marzu, 2021

Il-Qorti;

Rat l-akkuza migjuba kontra Kevin Vincent Zammit detentur tal-karta tal-identita` numru 35698M gie akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, bejn Dicembru 2011 u Jannar 2013, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda,

1) approprja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, is-somma ta' aktar minn hamest elef euro (€5000) taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, liema somma giet fdata lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, kariga, jew servizz tieghu, ghad-dannu tal-kumpanija ARRIVA Malta Limited u/jew Malta Public Transport.

Il-Qorti giet mitluba li barra sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti.

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi;

Rat l-Artikoli indikati u cioe' l-Art. 18, 293, 294, 310(1)(a), 532A, 532B u 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat;

Stante ammissjoni tal-imputazzjoni kif dedotta kontra tieghu u stante fedina penali netta u kif ukoll stante illi l-ammont dovut thallas kollu, il-Qorti bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tillibera lill-imputat Kevin Vincent Zammit bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien tliet (3) snin mil-lum.

Finlament il-Qorti spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

________________________________________

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**